MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 225/2010

**A B**

**Vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta’ Settembru 2007 fil-Knisja Parrokkjali ta’ San Pawl il-Bahar, u kopja tal-att taz-zwieg qieghed jigi hawn anness u mmarkat Dokument “A”;

2. Illi l-partijiet sseparaw konsenswalment in forza ta’ kuntratt pubbliku ta’ separazzjoni datat 8 ta’ Jannar 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Smith La Rosa, u kopja tal-kuntratt ta’ separazzjoni qed tigi hawn annessa u mmarkat Dokument “B”;

3. Illi l-kontendenti ma kellhomx tfal miz-zwieg taghhom;

4. Illi z-zwieg tal-kontendenti datat 21 ta' Settembru 2007 huwa null u bla effett skond il-ligi u dan abbazi tal-Artiklu 19 (a), (b), (c), (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi, fost affarijiet ohra, kien biss wara illi l-intimata kienet telqet mid-dar matrimonjali illi r-rikorrenti skopra illi hija gja kienet mizzewga lil terza persuna, liema zwieg sussegwentement kien gie annullat, izda nonostante s-snin li damu flimkien l-kontendenti, l-intimata kienet naqset milli tinforma lir-rikorrenti b'dan, u kopja tas-sentenza tal-annullament bejn l-intimata u l-persuna li kienet zewgha qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument "C";

Talab ghalhekk li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fil-21 ta' Settembru 2007 huwa null u bla ebda effett skond il-ligi, u taghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni f'dan ir-rigward;

Bl-ispejjez kontra l-intimata li qed tigi minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat illi il-konvenuta debitament notifikata maipprezentatx risposta u ghalhekk baqghet kontumaci;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi xehed l-attur u qal illi meta iltaqa mal-konvenuta hija kienet sentejn ikbar minnu. Bdew johorgu flimkien, kif ukoll mal-hbieb, hi kienet tahdem u hu kien qieghed l-universita, izda kien diga beda l-attivita kummercjali tieghu. L-attur xehed illi meta kellu disgha u ghoxrin sena kien akkwista proprjeta f'Haz-Zebbug Malta illi eventwalment saret id-dar taz-zwieg. Kien induna mill-bidu tar-relazzjoni tieghu mal-konvenuta illi l-konvenuta ma kienitx konsistenti u kienet tibza mir-responsabbilitajiet fit-tul, waqt li huwa kompla jibni l-attivita kummercjali tieghu u kien finanzjarjament stabbli, a kuntrarju tal-konvenuta illi kienet tbiddel l-impjieg taghha ta' spiss. L-attur xehed illi wara xi zmien xi hadd kien offra lill-konvenuta l-opportunita biex tidhol fi shab f'attivita kummercjali u peress li hi ma kellhiex il-mezzi biex tinvesti kien ghinha hu billi sellifha xi flus, izda ftit xhur wara il-konvenuta harget minn dan in-negozju u hu kien thallas tal-ammont li kien silifha minghand il-'business partner' taghha. F'dan il-perjodu il-konvenuta iddecidiet li tittermina ir-relazzjoni taghha mieghu u sabet xoghol iehor. Minnufih bdiet relazzjoni ma kollega taghha fuq ix-xoghol. Xi xhur wara izda kienet skuzat ruhha mieghu u riedet li jkomplu jergghu johorgu flimkien. L-attur qaghad jahsibha ghaliex kien qieghed jara lil xi haddiehor, izda il-konvenuta baqghet tigri warajh biex jirrangaw u fl-ahhar kien accetta. Ma dana kollu il-konvenuta baqghet dejjem tibdel l-impjieg taghha. Xi snin wara kien staqsa lill-konvenuta biex jizzewgu u hi kienet accettat u marru jghixu flimkien fid-dar tieghu f'Haz-Zebbug. Il-konvenuta kienet regghet biddlet ix-xoghol, izda wara ftit l-agenzija Property Line immexxija mill-kumpanija Insight Limited kienet ipprocediet fil-Qorti kontra l-konvenuta personalment u kontra il-kumpanija Vistaberg Limited u harget numri ta' mandati kontriha u kontra il-kumpanija, tant li l-kontijiet bankarji tal-konvenuta u tal-attur kienu gew iffrizati u kienet inqabdet ukoll il-vettura tal-konvenuta. L-attur xehed li dan kien zmien difficli ghalihom it-tnejn u il-konvenuta spiccat tiddependi mill-

attur kompletament ghall-finanzi u kellu anke jaghtiha karozza u jimpjega kemm lilha u kif ukoll lis-segretarja taghha mal-kumpanija tieghu sabiex jghinha. Xi snin wara, il-konvenuta u il-kumpanija Insight Limited kienu waslu f’xi kompromess u il-kawzi spiccaw. L-attur kompla jixhed illi huwa ma riedx ikompli jaffacja dawn il-problemi fil-Qorti u il-genituri tieghu kienu insistew mieghu biex jeskludi il-komunjoni tal-akkwisti x’hin jasal biex jizzewweg lill-konvenuta u hu hekk ghamel. F’dan iz-zmien il-konvenuta bdiet tinsisti mieghu biex jizzewwigha. Hi kienet impjegata mieghu u l-attur accetta biex ma jikkumplikax iktar l-affarijiet, peress illi l-konvenuta f’dan iz-zmien kienet qeghda tahdem mieghu. Apparti minn dan l-attur xtaq illi jkollu it-tfal. L-attur kompla jixhed illi immedjatament wara li izzewweg lill-konvenuta, is-sitwazzjoni bejniethom iddetterjorat, kien innota li l-konvenuta qed iggib ruhha b’mod stramb hafna, tkellmu kemm il-darba u kienu qablu li meta jizzewgu jippruvaw ikollhom it-tfal, izda l-intimita bejniethom kienet rari u qatt ma kienet miftuha ghall- prokreazzjoni ta’ l-ulied. Anke fil-‘honeymoon’ il-konvenuta kienet tirrifjuta li jkollha x’taqsam sesswalment mal-attur. Xi sena wara iz-zwieg, il-konvenuta kienet issuggeriet illi it-tnejn li huma jaghmlu it-testijiet rigward il-fertilita u hekk ghamlu u t-tabib kien qalilhom illi ir-raguni principali ghalfejn ma kellhomx tfal kienet in-nuqqas ta’ relazzjonijiet sesswali bejniethom. Effettivament mit-testijiet kien irrizulta illi t-tnejn li huma setgha jkollhom it-tfal. Apparti minn dan bdew jinqalghu argumenti ohrajn bejniethom peress illi hi kienet qeghda takkuzah illi qieghed ikollu relazzjoni ma haddiehor. Kienet ukoll tgerger minhabba ix-xoghol tad-dar. L-attur kompla jixhed illi ghall-habta ta’ Mejju 2009 xi hadd kien ikkuntattjah anonimament u qallu illi l-konvenuta kellha relazzjoni ma ragel iehor. Hu beda joqghod attent u issegwiha u sar jaf illi kellha relazzjoni ma certu x. Ikkonfronta b’dan lill-konvenuta u hi ammettiet illi ir-relazzjoni taghha ma dan x kienet ilha ghaddejja. L-attur xorta wahda ipprova jirranga mal-konvenuta, izda kien kollu ghalxejn. Il-konvenuta irrizenjat mill-impjieg illi kellha mal-kumpanija tal-attur u telqet mid-dar. Xi gimghat wara missier l-attur kien qieghed jghin lill-attur jisbarazza l-affarijiet li kellu id-dar. Sabu kaxxa mimlija dokumenti li

halliet warajha il-konvenuta u uhud minn dawn id-dokumenti kien irrelatati ma kawza ta’ annullament taz-zwieg civili, u b’hekk l-attur skopra illi l-konvenuta kienet mizzewga lil haddiehor qablu u kellha iz-zwieg taghha annullat. L-attur hassu tradut ferm mill-konvenuta illi lanqas biss qatt ma kellha id-dicenza tghidlu illi kienet mizzewga lil haddiehor qablu u li z-zwieg taghha kien gie annullat. Sussegwentement l-attur sar jaf ukoll illi l-konvenuta kienet hbiet minnu l-fatt illi kien hemm diversi kawzi ohrajn kontra taghha il-Qorti, li kienu infethu minn Francis Busuttil & Sons Limited, li kienet tahdem maghhom fil-bidu meta iltaqa maghha l-attur.

Illi xehdu il-genituri tal-attur illi ikkolloboraw ix-xiehda illi ta l-attur.

Illi xehdet ukoll il-konvenuta u il-Qorti innutat illi x-xhieda illi tat il-konvenuta viva voce kienet pjuttost ostili u arroganti, specjalment meta giet mistoqsija ghalfejn kienet tbiddel ix-xoghol taghha ta spiss hafna. Il-konvenuta ammettiet illi bidlet l-impjieg taghha ta’ spiss. Ammettiet ukoll illi kien hemm diversi kawzi kontra taghha fil-Qrati Civili u illi l-attur kien ghenha finanzjarjament, izda xehdet illi hi dejjem hallsitu lura. Il-konvenuta xehdet illi damet tohrog mal-attur ghaxar snin qabel ma izzewgu. Mistoqsija dwar l-ewwel zwieg taghha, il-konvenuta xehdet illi hija kienet qalet lill-attur b’kollox u ma kienx vera li ma kienx jaf illi kienet mizzewga qabel. Hija cahdet ukoll illi qatt ma riedet ikollha tfal u qalet illi din hija gidba tal-attur. Hija xehdet illi ma kienitx uriet lill-genituri taghha bl-ewwel zwieg taghha biex ma tinkwetahomx u kienet izzewget ghaliex hasbet li kienet thobb lill-ewwel ragel taghha. Il-konvenuta ammettiet illi meta izzewget lill-ewwel ragel taghha ma marritx tghix mieghu, izda marret tghix fid-dar tal-genituri taghha u skond hi dan gara ghaliex il-post tal-ewwel ragel taghha kien ghadu mhux lest. Mistoqsija jekk kienx minnu illi hija kienet xehdet fil-kawza tal-annullament tal-ewwel zwieg taghha li kienet izzewget lill-ewwel ragel taghha biex tiehu break minnu, mhux ghaliex kienet thobbu, imma ghaliex kienet thossha mhedda minnu, il-konvenuta wiegbet li ma tiftakarx, dak kien zmien ikrah u insietu kompletament u lanqas biss

tiftakar x'qalet fl-affidavit taghha. Izda ikkonfermat illi qatt ma kienet ikkunsmat dan l-ewwel zwieg taghha. Fuq rimarka tal-Qorti illi dan kien zwieg farsa, il-konvenuta ammettiet u xehdet pero' li ma tistax tispjega x'hasset dak iz-zmien. Hija xehdet illi kienet f'sikitha meta izzewget l-ewwel darba u qalet illi zewgha kien hafna ikbar minnha fl-eta. Hija kompliet tixhed illi kienet avventura u ma kienitx irrealizzat x'kienu il-valuri taz-zwieg, qalet "u iva nizzewgu ha inmorru nghixu flimkien u meta niddejjaq nitlaq." Izda ma tistax tiftakar sew id-dettalji kollha. Hija xehdet illi ma kienitx uriet lill-genituri taghha bl-ewwel zwieg u dawn kienu skoprew meta missierha kien mar jigbrilha il-'voting document' peress illi kienet waslet l-elezzjoni u ra illi l-kunjom taghha kien inbidel. Hija xehdet illi ma qalitx lill-genituri taghha peress illi dawn jinkwetaw hafna, izda kienet qalet lill-attur bl-ewwel zwieg taghha fil-bidu nett tar-relazzjoni taghhom. Huwa kien qalilha li ma gara xejn basta li l-persuna ma kienx ghadu f'hajjitha.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur ikkontenda illi iz-zwieg tieghu mal-konvenuta kien null a bazi tal-Artikolu 19 (1) (a), 19 (1) (b), 19 (1) (c), 19 (1) (d) u 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti rat illi irrizulta illi iz-zwieg tal-partijiet huwa null a bazi tal-Artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana peress illi l-attur irnexxielu jipprova illi l-konvenuta hbiet minnu il-fatt illi hija kienet diga mizzewga qablu u kellha iz-zwieg taghha annullat u ghalhekk irnexxielu jipprova illi l-konvenuta hbiet minnu dan il-fattur u kwalita tant importanti dwar il-hajja taghha sabiex b'hekk qarqet bih, u ghalhekk il-kunsens tieghu huwa null u minghajr effett skond il-Ligi a bazi tal-Artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi una volta giet ippruvata din il-kawzali tant serja il-Qorti ma thossx il-htiega illi tara jekk iz-zwieg tal-kontendenti huwiex null ukoll a bazi tal-kawzali l-ohrajn ikkwotati mill-attur fir-rikors guramentat tieghu.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi l-konvenuta ma kienet xejn affidabbli fix-xiehda taghha, biddlet il-verzjoni taghha meta giet ikkonfrontata bl-affidavit illi tat fil-kawza tal-annullament tal-ewwel zwieg taghha, hija bdiet tghid illi ma tistax tiftakar xejn u ghalhekk il-Qorti temmen il-verzjoni u ix-xiehda illi ta l-attur, kif ukoll lix-xhieda prodotti mill-istess attur u mhux lill-konvenuta.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa t-talba attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi iz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet fil-21 ta’ Settembru 2007 huwa null u minghajr effett skond il-ligi; Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------